MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Numru 6/2004

Ir-Repubblika ta Malta
Vs
Carmel Decelis
Concetta Decelis
Jason Louis Paul Decelis

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 6 tas-sena 2004, kontra l-akkuzati Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis, li bih huma qed jigu akkuzati talli:**

**Wara li l-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ppremetta illi fit-13 ta' Mejju, 2001, u fil-lejl ta' qabel Rachel Bowdler hadet ammont ta' droga w spiccat fi flat f'San Pawl il-Bahar fejn kienet toqghod omm l-akkuzat Jason Decelis f'kundizzjoni kritika hafna. Illi f'dan il-hin fil-flat kien hemm it-tlett akkuzati. Illi f'mument minnhom it-tlett akkuzati ftehmu kif kellhom jisbarazzaw ruhhom minn din it-**

**tfajla w iddecidew li, minkejja li kienet ghada hajja, jiddumpjaw ghal mejta lill-istess Rachel Bowdler f'post imwarrab maghruf bhala "Ras il-Gebel", limiti tal-Imgarr, Malta. Fil-fatt huma hekk ghamlu w dan bil-hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta' Rachel Bowdler f'periklu car. Illi aktar tard l-Awtoritajiet gew informati fejn kienet Rachel Bowdler izda meta nstabet din kienet mejta.**

**Illi b'ghemilhom l-imsemmija Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis saru hatja t'omicidju volontarju w cioe' talli dolozament bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, ikkagunawlha l-mewt.**

**Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul decelis hatja ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, ikkagunawlha l-mewt.**

**Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomorhom skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 211(l)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;**

Rat il-verdett tal-gurati tad-9 ta' Gunju, 2006, li bih:-

1) b' seba' (7) voti favur u b' zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat **Carmel Decelis** mhux hati tal-akkuza skond l-Att ta' l-Akkuza izda hati ta' omicidju involontarju u cioe' talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni kkaguna l-mewt ta' Rachel Bowdler li grat fit-13 ta' Mejju, 2001 gewwa San Pawl il-Bahar jew bnadi ohra;

2) b’ seba’ (7) voti favur u b’ zewg (2) voti kontra sabu lil **Concetta Decelis** hatja tal-akkuza skond l-Att ta’ l-Akkuza;
3) b’ sitt (6) voti favur u bi tlitt (3) voti kontra sabu lil **Jason Louis Paul Decelis** hati tal-akkuza skond l-Att ta’ l-Akkuza.

Rat ukoll it-talba unanima tal-gurati lill-Qorti li :-

“Tintwera hniena ma Concetta Decelis minhabba li gabet ruhha ta’ omm li ghamlet minn kollox biex tipprotegi l-interessi ta’ binha Jason. Dan ghad-detriment tal-vittma Rachel Bowdler;

“…tintwera hniena mal-missier Carmel Decelis minhabba li wera dispjacir u minkejja l-hin qasir li kien prezenti fl-appartament in kwistjoni, wera sforz genwin biex jighin lill-vittma;

“…biex, jekk Jason Decelis ghandu problemi socjali, taghtih l-ghajnuna kollha mehtiega li ghandu bzonn.”

1. Tiddikjara ghalhekk lil Carmel Decelis mhux hati tal-akkuza skond l-Att ta’ l-Akkuza izda hati ta’ omicidju nvolontarju w cioe’ talli, b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni, kkaguna l-mewt ta’ Rachel Bowdler li grat fit-13 ta’ Mejju, 2001, gewwa San Pawl il-Bahar jew bnadi ohra;

2. Tiddikjara lil Concetta Decelis hatja tal-akkuza skond l-Att ta’ l-Akkuza u cioe’ talli fil-lejl tat-12/13 ta’ Mejju, 2001, go San Pawl il-Bahar u bnadi ohra f’ Malta, ikkommettiet omicidju volontarju w cioe’ dolozament u bil-hsieb li toqtol jew tpoggi il-hajja ta’ Rachel Bowdler f’ perikolu car, ikkagunatilha l-mewt.

3. Tiddikjara lil Jason Louis Paul Decelis hati tal-akkuza skond l-Att ta’ l-Akkuza u cioe’ talli fil-lejl tat-12/13 ta’ Mejju, 2001, go San Pawl il-Bahar u bnadi ohra f’ Malta, ikkommetta omicidju volontarju w cioe’ dolozament u bil-hsieb li joqtol jew ipoggi il-hajja ta’ Rachel Bowdler f’ perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri w s-sottomissjonijiet maghmula mill-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara dwar il-piena;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-hatja esebita mill-prosekuzzjoni w li d-difiza hadet konjizzjoni taghhom;**

**Qieset is-sottomissjonijiet** kollha **tad-difiza tal-hati Carmel Decelis li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe :**

**illi l-hati nstab hati ta' reat li kien jaqa' taht il-kompetenza tal-Qrati tal-Magistrati w cio'nonostante kellu jsofri t-trawma li jghaddi guri. Li l-gurati hassew li ghandhom jaghmlu rakkomandazzjoni ghall-klemenza minhabba li hu wera' dispjacir ghal dak li gara, ghax ghen kif seta' lill-vittma w kien prezenti fid-dar ta' martu minnu separata ghal hin qasir. Illi hu ghandu kondotta netta w illum ghandu impieg fiss u l-parametri tal-piena kienu anki jaghmluha possibbli li jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza. Ghalhekk kellha tinghata piena aktar vicin il-minimu milli lejn il-massimu;**

**Qieset is-sottomissjonijiet** kollha **tad-difiza tal-hatja Concetta Decelis li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe :**

**Illi l-verdett ta' htija tal-gurati kien biss ta' seba' kontra tnejn. Li hi ghandha fedina penali netta . Li hi kkooperat bis-shih mall-Pulizija w kieku ma ghamlitx dan, l-ezitu tal-kawza seta' jkun ferm differenti. Sahansitra kienet hi li baqghet tinsisti mall-hati Jason Decelis biex hu ukoll jaghmel it-tieni stqarrija li ghamel. Li hi xorta hasset li ma ghamlet xejn hazin. Li l-gurati kienu rrakkomoandaw il-klemenza fil-kaz taghha. Li dan kien kaz pjetuz. Li hi dahlet fix-xena tard u spiccat wahedha biex issolvi problema li ma holqithiex hi. Li din kienet tragedja fi tragedja w hi ma kienetx ta' perikolu ghas-socjeta' fis-sens li ghandha**

**bzonn taghmel zmien twil il-habs biex tirriforma ruha. l-Qorti kellha diskrezzjoni wiesgha fl-applikazzjoni tal-piena w din kellha tigi applikata fil-minimu taghha. Fl-ahharnett hi talbet li l-klemenza li l-gurati rrakkomandaw fil-konfront taghha tigi estiza ghall-binha ukoll.**

**Qieset is-sottomissjonijiet** kollha **tad-difiza tal-hati Jason Louis Paul Decelis li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe :**

**Illi l-verdett ta' htija tal-gurati kien biss ta' sitta kontra tlieta w li l-hati fit-tieni okkazzjoni kien ikkoopera mall-Pulizija.**

**Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni li hawn kien hawn il-figura ta' persuna li bi ftehim ma haddiehor kienet qed tidderigi dak li gara u hu kien jifhem li l-verdett ta' 7 voti favur il-htija u tnejn kontra fil-kaz ta' Concetta Decelis kien intiz biex johrog distinzjoni ma dak ta' sitt voti kontra tlieta li bih Jason Decelis instab hati.**

**Illi Jason Decelis kellu kondotta refrattarja u sahansita kien intbaghat ghoxrin xahar prigunerija fuq traffikar ta' droga apparti diversi reati ohra, fosthom kundanni ripetuti ghall-pussess ta' droga ta' diversi tipi. Kien ovvju li l-invit tal-gurati biex hu jinghata l-ghinuna ma kienx bazat fuq l-informazzjoni shiha li tohrog mill-fedina penali tieghu. Jason Decelis kien qed jaghmel hsara fis-socjeta'. Meta jkollok persuni li huma ukoll traffikanti tad-droga bhal Jason Decelis, dawn it-tip ta' tragedji ser issib. Ergo l-Qorti kellha taghtih piena karcerarja fit-tul.**

**Il-Prosekutur kompla jissottometti li l-istess kien japplika ghal Concetta Decelis li kienet l-aktar wahda li bl-agir taghha kkontribwiet ghall-mewt ta' Rachel Bowdler u li meta kienet qed tarha moribonda, libset u harget ghax-xoghol. Dan kien sinjal ta' egoizmu sfrenat li wassal biex ihalluha tmut ghax hekk kien**

**jaqbel. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni kienet qed tinsisti ghall-piena ezemplari.**

**Il-Prosekutur ukoll issottometta li minkejja l-verdett tal-gurija, Carmelo Decelis ukoll kellu rwol importanti f' dak li gara. Sahansitra mar jahbi lil Rachel bil-car tieghu meta din setghet kienet ghadha hajja. Il-parti tieghu ma kienetx wahda passiva. Konsidrat li ftit xhur wara l-kommissjoni tar-reat il-piena massima ghar-reat ta' omicidju involontarju telghet ghall wahda ta' erba snin prigunerija minn dik ta' sentejn prigunerija vigenti fiz-zmien tar-reat, il-Prosekuzzjoni kienet qed titlob li hu jinghata l-massimu tal-piena applikabbli dak iz-zmien.**

**Ikkonsidrat**

Illi skond l-Artikolu 211 tal-Kodici Kriminali, r-reat ta' omicidju volontarju huwa punibbli bil-prigunerija ghal-ghomor. Izda skond l-artikolu 492 (2) il-Qorti tista' taghti piena ta' prigunerija ghal zmien li ma jkunx inqas minn tnax il-sena minflok il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor, jekk il-voti tal-gurati ma jkunux unanimi, kif inhu f' dan il-kaz fid-dikjarazzjoni ta' htija tal-hatja Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis.

Fir-rigward tal-hati Carmel Decelis, li instab hati ta' omicidju involontarju, il-piena fiz-zmien tar-reat, u cioe' qabel ma giet mizjuda bl-Att III tas-sena 2002, kienet ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sentejn jew multa ta' mhux izjed minn elfejn lira.

**Ikkonsidrat;**

**Illi fil-waqt li hu minnu li l-fedina penali tal-hatja Concetta Decelis hi wahda assolutament netta, mhux l-istess fil-kaz taz-zewg hatja l-ohra. Hekk Carmel Decelis, qabel dan ir-reat, kien instab hati mill-Qrati hames darbiet. Apparti kundanna ghall-kontravvenzjoni tat-traffiku, darba instab hati ta' l-ikkagunar ta' danni volontarji fuq vettura, tfiegh ta' gebel b' perikolu ghan-nies u ksur tal-buon ordni.**

**Darb’ ohra nstab hati li ghamel uzu hazin mit-telefon bi skop malinn u li ingurja kuntistabbli tal-Pulizija, persuna inkarikata skond il-ligi minn servizz pubbliku bi hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi. Darba ohra nstab hati li ingurja, insolenta jew hedded tlitt kuntistabbli tal-Pulizija w darba ohra nstab hati li immalafama w ingurja jew hedded Spettur tal-Pulizija bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz pubbliku.**

**Il-fedina penali ta’ l-hati Jason Decelis hi aktar kulurita minn hekk. Apparti serje twila ta’ kundanni ghal sewqan bla licenzja w bla insurance u sewqan perikoluz, ksur tal-buon ordni, garr ripetut ta’ armi minghajr licenzja tal-Pulizija w ingurji lil ufficjali tal-Pulizija, huwa nstab hati tlitt darbiet li kien fil-pussess tad-droga eroina, darba minnhom addirittura fil-habs ta’ Kordin u darbtejn ta’ pussess tar-raza tal-pjanta cannabis. Hu sahansitra kien ukoll gie kundannat ghall ghoxrin xahar prigunerija w multa ta’ LM500 wara li nstab hati li fl-Lulju, 1996 kien forna w ipprokura d-droga eroina lil terzi. Jidher li baqa’ ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu anki wara t-tragedja mertu ta’ din il-kawza w ma tghallem xejn ghax anki waqt li kien il-habs u wara bi plegg jistenna dan il-guri, nstab hati li darbtejn kien fil-pussess ta’ drogi u darba ta’ pussess ta’ armi bla licenzja.**

**Dan kollu ta’ bil-fors irid ikun rifless fil-piena li ser tigi erogata lit-tlitt hatja.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi f’ dan il-kaz, jidher li l-gurati bil-verdett taghhom ikkonkludew li l-hatja Concetta w Jason Decelis kienu poggew il-hajja tat-tfajla zaghzugha Rachel Bowder, li kienet tinstab fi stat ta’ *helplessness* assolut f’ post li huma kellhom il-kontroll esklussiv fuqu, f’ perikolu car billi, meta huma biss kienu l-persuni li setghu isejjhu w igibulha l-assistenza medika, li setghet salvatha, kieku il-kondizzjoni taghha giet trattata fil-hin propizju bl-*antidote* ezistenti, ddecidew li, biex jigi**

**evitat kull inkwiet mall-Pulizija, partikolarment ghall-istess Jason Louis Paul Decelis, li kien hu li dahhal lill- vittma f' dak il-flat u sa ftit tal-hin qabel ma hassha hazin kien qed ikollu relazzjonijiet sesswali intimi maghha, li ghall sieghat twal ma jaghmlux dan, sakemm l-imsemmija tfajla mietet. Dan kien agir mill-aktar kundannabbli minkejja kull diffikolta', sagrificcju w implikazzjonijiet legali li setghu jigu involuti fihom dawn iz-zewg persuni hatja.**

**Hu minnu li mhux allegat li l-krizi inizjali fl-istat tas-sahha ta' Rachel Bowdler kkagunawha huma, pero' huma biss flimkien jew f' hinijiet differenti setghu w kienu fi grad li jsejjhu l-assistenza medika opportuna, li skond l-espert setghet salvat lill-vittma. Bl-ommissjoni persistenti taghhom li jaghmlu dan fuq firxa ta' madwar tnax il-siegha fil-kaz ta' Jason Decelis, u ta' madwar tmin sieghat fil-kaz ta' Concetta Decelis, huma kkagunaw jew accelleraw il-mewt tat-tfajla, li dak il-hin kienet tiddependi kompletament u esklussivament fuqhom u minnhom.**

**Fil-kaz ta' Carmel Decelis, il-gurati bil-verdett taghhom ikkonkludew li l-agir tieghu fil-hin relattivament limitat li kien fil-flat ta' martu, li minnha kien separat, w fejn kien mar biss ghax gie imsejjah minn ibnu Jason, kien jammonta ghal nuqqas ta' hsieb, meta hass li billi joqghod jimsah il-bzieq u jxappap l-ilma fuq wicc u sider il-vittma biss, seta' jirrisuxxitha w dan meta seta prreveda facilment li s-sitwazzjoni kienet ferm aktar serja minnhekk u li, minghajr assistenza medika tempestiva, ser tmur ghall-aghar.**

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 211 (1)(2), 225, 484, 492 (2) u 533 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9), u wara li tat kull konsiderazzjoni xierqa ghar-rakkomandazzjoni tal-gurati favur l-akkuzati Carmel u Concetta Decelis ghall-hniena tal-Qorti, kif ukoll wara li wiznet sew ic-cirkostanzi kollha partikolari ta' dan il-kaz u r-rwol li kull wiehed mill-hatja kellu f' din it-tragedja, fid-dawl tal-fedina penali taghhom rispettiva;

1. tikkundanna lill-hati Carmelo Decelis ghal piena ta’ sena w sitt xhur prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma’ dan ir-reat, kif ukoll tikkundannah ihallas terz (1/3) tal-ispejjez tal-perizji totali f’din il-kawza li jammontaw ghal elf, hames mija u erba w sittin lira Maltin u sittin centezmu (LM1564.60c ) u cioe’ hames mija w wiehed u ghoxrin lira Maltin u tlieta w hamsin centezmu (LM521.53c)
2. tikkundanna lill-hatja Concetta Decelis ghall-piena ta’ hmistax il-sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hija ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma’ dan ir-reat, kif ukoll tikkundannha thallas terz (1/3) tal-ispejjez tal-perizji totali f’din il-kawza li jammontaw ghal elf, hames mija u erba w sittin lira Maltin u sittin centezmu (LM1564.60c ) u cioe’ hames mija w wiehed u ghoxrin lira Maltin u tlieta w hamsin centezmu (LM521.53c) u
3. tikkundanna lill-hati Jason Louis Paul Decelis ghal piena ta’ hamsa w ghoxrin (25) sena prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma’ dan ir-reat, u mhux ghal xi reat iehor li ghalih kien fl-istess zmien il-habs, kif ukoll tikkundannah ihallas terz (1/3) tal-ispejjez tal-perizji totali f’din il-kawza li jammontaw ghal elf, hames mija u erba w sittin lira Maltin u sittin centezmu (LM1564.60c ) u cioe’ hames mija w wiehed u ghoxrin lira Maltin u tlieta w hamsin centezmu (LM521.53c).

**Finalment ukoll, kemm minn rajha kif ukoll fuq ir-rakkomandazzjoni tal-gurati, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, li sa fejn hu possibbli skond il-ligi, jippresta l-assistenza kollha medika w ta’ kull xorta ohra biex jghin lill-istess Jason Louis Paul Decelis jegheleb xi problemi ta’ drogi li jista’ jkollu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------